MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IT-TMIEN KUNSILL**

SEDUTA NRU. 61

25 ta' Marzu 2024

Minuti tas-seduta Nru. 61 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Nru. 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tnejn 25 ta' Marzu 2024 fil-5:30 pm.

## Attendenza u qari ta' ittri ta' apoloġiji

Il-Kunsillieri kollha kienu preżenti fiżikament.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trasmessa permezz tal-internet. Ir-*recording* tagħha jista' jitniżżel mis-sit elettroniku:https://corterm.com/vod/members/mellieha/

## Talba

It-talba ntqalet mis-Sindku.

1.1. **Minuti**

1.2. Il-minuti tas-Seduta Nru. 60 tas-27 ta' Frar 2024, ġew approvati mingħajr emendi. Kien hemm qbil li dawn għandhom jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku: Minutes List (gov.mt).

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

### 2.1.1. Faċilitajiet għall-ħatt/tagħbija quddiem Spar Supermarket fi Triq il-Kbira (T/3/2/Vol XVI)

2.1.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rrefera għal minuta 5.8.1. tas-seduta preċedenti dwar is-suġġett t'hawn fuq u ressaq kopja tal-pjanti tal-istabbiliment kif approvati mill-Awtorità tal-Ippjanar. Huwa ġibed l-attenzjoni li l-istess pjanti jindikaw li l-għoli tal-bieb tal-garaxx huwa 2.1 metri. Ġie nnutat ukoll li fis-sit affettwat bl-iżvilupp saret *layby* biex jidħlu l-vetturi.

2.1.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li l-faċilità mitluba:

(a) Ser tnaqqas l-ispazji għall-ipparkjar fil-ħinijiet l-aktar bieżla tan-negozju, filwaqt li teżisti waħda simili fuq in-naħa l-oħra tat-triq; u

(b) Għandu jsir użu mill-*layby* li saret fil-proprjetà tal-applikant.

### 2.2.1. Progett dwar Gnien Pubbliku fuq l-art konfinati minn Triq l -Etna, Triq Mons Frangisk Xuereb Triq l-Ghasel (P/4/27)

2.2.2. Is-Segretarju Eżekuttiv rrefera għall-minuta 5.8.1. tas-seduta ta' qabel u qal li permezz ta' imejl datat 21 ta' Frar 2024, Project Green għarrfu li wara laqgħa li kellhom ma' l-Awtorità tal-Ippjanar ġie deċiż li l-istess Project Green jibdew jitqiesu bħala l-applikanti bil-għan li jkollhom aktar viżibilità fuq il-permess u anke biex jitħaffef il-proċess meta jkun meħtieġ. Għaldaqstant talbu li timtela' formola għal dan il-għan li trid tiġi ffirmata mis-Segretarju Eżekuttiv u l-perit li ressaq l-istess applikazzjoni.

2.2.3. Il-Kunsill qabel li għandu jinkiseb parir legali dwar l-implikazzjonijiet li jista' jkun hemm bil-bidla fl-applikant għall-permess tal-iżvilupp.

**2.3.1. Tħawwil ta' siġar biswit Triq Daħlet ix-Xmajjar (T/6/1/Vol IV)(A/3/Vol III)**

2.3.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar irreferiet għall-minuta 2.2.1. tas-seduta preċedenti u għarfet li nhar il-Ħadd 24 ta' Marzu 2024 sar tħawwil ta' siġar f'Żona Ċ għall-ikkampjar, biswit Triq Daħlet ix-Xmajjar, fejn tħawwlu madwar 400 siġar indiġini, bil-kollaborazzjoni tal-Għaqda Kaċċaturi u Nassaba Konservazzjonisti – Mellieħa u Ambjent Malta

2.3.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti

**2.4.1. Ħarġiet kulturali (A/5/5/Vol VII)**

2.4.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-minuta 2.5.1. tas-seduta preċedenti u għarrfet li għaż-żjara li saret fit-Teatru Manoel fit-28 ta' Frar 2024 attendew 50 persuna. Hija pproponiet li l-ħarġa li jmiss issir lejn l-Istazzjon tal-Ferrovija f'B'Kara fis-27 ta' Marzu 2024.

2.4.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**3.0. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

**3.1.1. Lezzjonijiet ta' Tagħlim Tul il-Ħajja (T/3/2/Vol XVI)**

3.1.2. Il-Kunsillier R. Bartolo Cutajar qalet li ġiet avviċinata minn xi persuni barranin residenti fil-Mellieħa dwar il-korsijiet fil-lingwa Maltija u Ingliż għall-barranin.

3.1.3. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li normalment l-applikazzjonijiet jinfetħu għall-ħabta ta' Awwissu u l-korsijiet jibdew f'Ottubru. S'issa għad ma kienx hemm korrispondenza mid-Diviżjoni tal-Edukazzjoni, iżda mistenni li tinżamm l-istess prassi.

**3.2.1. Xogħlijiet tan-*new water* fil-Miżieb (W/2/Vol II)**

3.2.2. Il-Kunsillier G. Micallef rrefera għax-xogħlijiet tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma fil-Miżieb, li ilhom għaddejjin diversi xhur. Huwa staqsa dwar jekk ġietx iffissata data, meta dan ix-xogħol ser jitkompla.

3.2.3. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono wieġeb li skond tagħrif li kiseb, ix-xogħol ser jitkompla hekk kif Infrastructure Malta jtemmu dak fuq Triq Għajn Tuffieħa.

**4.0. Tqegħid ta' karti**

- Skeda dwar Akkwist ta' Servizzi u Materjal – 22/03/24;
- Skeda ta' infieq permezz tal-*petty cash* – 01/01/24 – 29/02/24
- Skeda ta' Pagamenti – 24/02/24 – 22/03/24;
- Skeda ta' Korrispondenza li waslet; u
- Skeda ta' Korrispondenza li ntbagħtet.

**5.0. Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsillieri**

**5.1.1. Tabelli dwar il-protezzjoni tal-garnija (A/4/5/Vol II)**

5.1.2. Saret referenza għal imejl datat 11 ta' Marzu 2024 mibgħut mill-Birdlife Malta, fejn appellaw lill-Kunsill sabiex iwaħħal tabelli dwar il-preżenza tat-tajr imsemmi li jbejjed fl-irdumijiet tal-Aħrax. Huma ppproponew li dawn isiru fiż-żoni għall-ikkampjar B u C. Kopja tal-*artwork* propost ġiet murija lill-Kunsill.

5.1.3. Il-Kunsill approva t-talba.

**5.3.1. Ċit. Nru. 308/2021 GM - Kawza Camilleri Claude Anthony vs Kummissarju tal-Pulizija et dwar *caravans* fil-Bajja tal-Mistra (C/4/Vol IV)**

5.3.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rrefera għas-sentenza mogħtija fis-26 ta' Frar 2024 fil-kawża msemmija, li saret kontra l-Pulizija, l-Awtorità Maltija tat-Turiżmu, l-Awtorità tat-Trasport, u l-Kunsill Lokali tal-Mellieħa. Essenzjalment, Camilleri l-operatur tar-ristorant Santa, allega li l-awtoritajiet imsemmija kkawżawlu nuqqas ta' negożju minħabba li naqsu milli jikkontrollaw l-ipparkjar ta' *caravans* fil-bajja tal-Mistra.

5.3.3. Il-Qorti ddeċidiet li l-operatur tal-istabbiliment imsemmi naqas li juri li kien hemm dik ir-rabta ġuridika bejn l-allegat nuqqas ta' infurzar mill-awtoritajiet imemmija u l-andament tan-negozju fl-istabbiliment in kwistjoni.

5.3.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.2.1. Skema SPI/SCI/03/2024 - Inizjattiva Finanzjarja - Lokalitajiet aktar Nodfa (P/7/1/Vol XVII)**

5.2.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono għarraf li d-Diviżjoni tal-Gvern Lokali fit-2 ta' Frar 2024 niediet l-iskema msemmija. Huwa ppropona li ssir applikazzjoni sabiex jinxtara tagħmir li jintuża għal tindif volontarju fil-postijiet li jindika l-Kunsill.

5.2.3. Il-Kunsill approva l-proposta.

**5.3.1. Skemi mħabbra mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali (F/1/7/Vol VII)**

5.3.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono għarraf li apparti l-iskemi tal-2024 li diġa ġew sottomessi applikazzjonijiet dwarhom, jew għadu għaddej ix-xogħol fuqhom, tħabbru is-segwenti:

- SPI/SCI/01/2024 - Espressjoni ta' Interess - Servizz ta' xogħlijiet għal żvilupp ta' *Community Gardens* fil-Lokalitjiet (Data ta' l-għeluq fid-29 ta' Marzu 2024); u
- SPI/SCI/02/2024 - Komunitajiet aktar b'saħħithom u inklussivi (Data ta' l-għeluq - it-Tlieta, 9 ta' April 2024);
- SPI/SCI/03/2024 - *Inizjattiva Finanzjarja - Lokalitajiet aktar Nodfa* (Data ta' l-għeluq - il-Ġimgħa, 31 ta'Mejju 2024);

5.5.2. Il-Kunsill innota t-tagħrif moghti.

**5.6.1. Laqgħa ma' l-aġenzija Infrastructure Malta (M/4/2/Vol II)**

5.6.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono għarraf li fit-18 ta' Marzu 2024, huwa flimkien mal-Viċi Sindku J. Buttigieg iltaqgħa ma' diriġenti minn Infrastructure Malta u uffiċjal mill-Ministeru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali, fejn ġew diskussi l-materji li ġejjin:

- Rijattivazzjoni tal-Proġett TENT-T bil-għan li tiġi pprovduta konnessjoni sigura bejn il-*Bypass* ta' San Pawl il-Baħar / Triq Għajn Tuffieħa mal-Mellieħa u t-Terminal taċ-Ċirkewwa. Il-Kunsill ġie mgħarraf li mid-diskussjoni li kien hemm ma jidhirx li hemm

pjanijiet biex dan il-proġett jitwettaq fil-futur qarib. Sar aċċenn li ż-żona hija sensittiva mil-lat ambjentali;

- Bini ta' Triq it-Tabib Joseph Grech Attard li qed tiġi affettwata minn kwistjonijiet bejn il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma u Infrastructure Malta, fejn jidher li t-tħejjijiet jinsabu fi stadju avvanzat, tant li l-WSC qed jistennew li jingħataw il-livelli tat-triq mill-*Land Survey Unit* tal-Awtorità tal-Ippjanar. Jidher ukoll li d-dewmien li kien hemm fl-implimentazzjoni ta' dan il-proġett inġieb għall-attenzjoni tal-Ombudsman;

- Bini ta' Triq ir-Rattan. Dan il-proġett mhux qed jingħata prijorità għall-futur immedjat peress li nofs it-triq għadha mhux żviluppata;

- Bini ta' Taraġ il-Landiera. Ġie miftiehem li fit-28 ta' Marzu 2024 issir laqgħa fuq il-post mal-perit konċernat possibilment sabiex il-ġiebja proposta mill-Kunsill tiġi nkluża fil-pjanti li diġa saru;

- Eliminazzjoni tad-dipressjoni li ffurmat fi Triq il-Wied Ta' Ruman. Sar suġġeriment da parti ta' IM sabiex l-intervent meħtieġ jiġi nkluż mal-prioritajiet li diġa ġew indikati mill-Kunsill;

- L-installazzjoni ta' *traffic lights* fl-intersezzjoni tat-Telgħa ta' Selmun mat-triq li twassal għall-Bajja tal-Mistra. Il-proposta qed tiġi kkunsidrata u ser isir sforz biex din tiġi mplimentata minn IM;

- Restrizzjoni fl-ipparkjar ta' vetturi fi Triq id-Deru, liema materja ilha s-snin idur bejn Transport Malta u IM. Il-Ministeru konċernat ġie nfurmat dwar bil-għan li tiġi kkunsidrata u tingħata tweġiba; u

- Bħala parti mill-proġett tal-Armier intalab li ssir bankina fi Triq Ramlet il-Qortin, li tgħaqqad il-parkeġġ mad-daħla ta' fejn hemm il-kmamar f'Ramlet il-Qortin u Ta' Maċċa. Fl-istess laqgħa ntqal li dan il-proġett mistenni li jkun lest sal-31 ta' Mejju 2024.

5.6.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.7.1. Attivita` tal-Mellieħa Scout Group fi Sqallija (S/6/Vol VII)

5.7.2. Inqara imejl datat 24 ta' Marzu 2024, fejn il-Kunsill intalab jissieħeb fl-organizzazzjoni ta' mawra li ser jagħmlu l-Mellieħa Scout Group fi Sqallija sabiex jipparteċipaw f'attivitajiet kulturali ma' gruppi oħra fl-istess gżira.

5.7.3. Il-Kunsill iddeċieda li jissieħeb f'organizzazzjoni ta' din l-inizjattiva fl-ispirtu tas-Sub-Artikli 33(o) u (s) tal-Att dwar Gvern Lokali (Kap. 363), sakemm l-involviment tiegħu ma jaqbiżx €1,200.

### 5.8.1. PA 6403/21 - Centru ta' salvatagg tar-Red Cross fl-inhawi tat-Trunċiera ta' Qassisu (P/5/8/G)

5.8.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar ġibdet l-attenzjoni li minkejja rapport li sar mill-Kunsill dwar żvilupp fuq is-sit imsemmi li kien qed isir mingħajr permess, dan xorta waħda baqa' għaddej. Intant saret passaġġ elevat fuq il-blat permezz ta' struttura tal-ħadid li jwassal għal xatt-il baħar. Ġie nnutat ukoll li tħawwel xi għollieq sabiex iservi ta' riċint madwar l-istess strutturi.

5.8.3. Il-Kunsill qabel li għandu jsir rapport ma' l-awtoritajiet konċernati.

**5.9.1. Qtugħ ta' veġitazzjoni bil-fjuri fir-Rebbiegħa** **(T/4/6/Vol V)**

5.9.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar qalet li l-Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża qed jappella sabiex il-qtugħ tal-ħaxix bil-fjuri, li jikber fit-toroq u passaġġi, jiġi sospiż fix-xhur tar-Rebbiegħa sabiex l-insetti jkollhom fejn jirgħu u hekk ma tixxekkilx il-pollinizzazzjoni fil-pjanti u l-produzzjoni tal-għasel.

5.9.3. Ġie nnutat li qtugħ tal-ħaxix li jsir mill-Kunsill huwa limitat għal toroq asfaltati, iżda kien hemm qbil li għandu jiġi segwit l-appell li sar, sakemm l-veġitazzjoni ma tkunx ta' periklu għal minn juża toroq mhux urbani.

**5.17.1. Sinjali/tabelli GIVE WAY fi Triq l-Għerien k/m Pjazza Thomas Spratt** **(T/3/2/Vol XVII)**

5.17.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar ġibdet l-attenzjoni li jeżisti nuqqas ta' tabelli u sinjali tat-traffiku f'salib it-toroq imsemmi, bir-riżultat li s-sewwieqa ma jafux ta' min hija d-dritta..

5.17.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li għandhom jsiru tabelli u sinjali GIVE WAY fi Triq l-Għerien kantuniera ma' Pjazza Thomas Spratt, ħalli minn ikun nieżel minn Triq l-Għoljiet ikollu d-dritta.

**5.18.1. Vettura bil-karru pparkjata fi Triq Selmun** **(C/6/Vol VIII)**

5.18.2. Il-Kunsillier E. Bartolo ġibed l-attenzjoni li fi Triq Selmun hemm vettura bin-numru IBH 603, b'karru ta' dgħajsa rmunkat magħha, li ilhom fl-istess post għal diversi ġimgħat mingħajr ma jinstaqu.

5.18.3. Ittieħdet nota tal-punt imqajjem sabiex tittieħed azzjoni flimkien mal-Pulizija tal-Komunità.

**5.19.1. Imblukkar tal-aċċess bil-vetturi għall-inħawi tal-Blata** **(T/3/2/Vol XVII)**

5.19.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini aċċennat li, bil-għan li ma jinstaqux vetturi *offroad* fl-inħawi tal-Blata fil-limiti ta' Selmun, l-Awtorità tal-Artijiet qed tikkonsidra l-possibiltà li tpoġġi ġebel kbir sabiex jingħalaq l-aċċess bil-vetturi, b'tali mod li ma jxekklux l-aċċess bl-inġenji tar-raba.

5.19.3. Il-Kunsill qabel li għandu jappoġġja l-intenzjoni tal-Awtorità tal-Artijiet billi ssir proposta, minn naħa tiegħu lill-Awtorità tar-Riżorsi u l-Ambjent bil-għa li jitpoġġa ġebel kbir li jagħlaq l-aċċessi, u hekk ma jibqax possibbli li jidħlu vetturi fuq it-tafal u fil-parti fejn hemm is-salini tal-melħ.

**6.1. Spusstjar ta' spazji għall-ipparkjar fl-Armier iż-Żgħir** **(T/3/2/Vol XVII)**

6.2. Is-Sindku D. Vella rrefera għal laqgħa nformali bejn il-membri tal-Kunsill li saret fit-18 ta' Marzu 2024, fejn ġiet diskussa talba li saritlu sabiex jiġi rivedut l-arranġament introdott fl-2022 bl-approvazzjoni ta' Transport Malta, meta kien sar titjib fiż-żona minn Infrastructure Malta. Is-Sur D. Vella spjega li essenjalment il-proposta tinvolvi li l-ipparkjar jiġi trasferit għan-naħa tal-baħar. Huwa qal li kkonsulta dwar dan ma' Transport Malta, li minn naħa tagħhom għaddewlu pjanta li turi kif dan jista' isseħħ mingħajr tnaqqis fl-ispazji għall-ipparkjar.

6.3. Ġie spjegat li l-laqgħa msemmija kienet intiża sabiex tiġi stabbilita l-aġenda għal din is-seduta u għalhekk ma kinitx seduta uffiċjali tal-Kunsill, filwaqt li kien hemm żewġ kunsillieri li ma kienux preżenti, u għaldaqstant il-materja reġgħet tpoġġiet għad-diskussjoni.

6.4. Il-Kunsill ħa in konsiderazzjoni li:

- L-arranġament propost inaqqas in-numru ta' spazji għall-ipparkjar meta jitqies li jrid jitħalla spazju vojt quddiem it-trejqa li twassal għall-iskal;

- L-aspett estetiku ser jiġi affettwat b'mod negattiv, partikularment bl-ipparkjar ta' vetturi kbar, bħalma huma *campers* matul il-perjodu bejn Ottubru u Mejju;

- L-arranġament fis-seħħ jidher li ħadem tajjeb u mmassimizza l-potenzjal tat-triq f'dak li huwa spazju għall-ipparkjar.

6.5. Il-Kunsill qabel unanimament li mil-lat tal-maniġġ tat-traffiku, jagħmel aktar sens li jinżamm l-i*status quo* abbażi tar-raġunijiet mogħtija aktar 'l fuq.

**7.1. Twaqqif ta' mafkar għall-Mons. Mosè Debono** **(M/9)**

7.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rrefera għal imejl datat 11 ta' Marzu 2024, fejn il-Kumitat inkarigat mit-twaqqif tal-monument imsemmi appella lill-Kunsill sabiex jikkontribwixxi fir-rigward tal-puġġaman li ġej bejn il-bankina u l-monument, flimkien ma' l-*istand* tal-QR code bit-tagħrif dwar is-suġġett.

7.3. Is-Sur C. Debono qal li nġabru tliet stimi għal dan ix-xogħol, li kienu kif ġej:

| | |
|---|---|
| Charlie Curmi Steel | €5,888.20 |
| G.G.C. | €5,026.80 |
| Rueben Iron Works | €5,557.80 |

7.4. Fid-dawl tal-kontribut mogħti minn Monsinjur Mose' Debono lil diversi ġenerazzjonijiet tal-komunità Melleħija, il-Kunsill qabel li għandu jissieħeb fit-twaqqif tal-monument. Kien hemm qbil ukoll li x-xogħol għandu jiġi fdal lill-kuntrattur G.G.C. bil-prezz ta' €5,026.80, filwaqt li l-kontribut għandu tiegħu m'għandux ikun iktar minn €3,000.

7.5. Il-Kunsill qabel ukoll li l-promozzjoni għandha ssir permezz tal-media soċjali u permezz ta' diversi mezzi ta' komunikazzjoni. Il-materjal relattiv għandu jintbagħat lill-Kunsill Lokali qabel l-implimentazzjoni tal-inizjattiva, kif ukoll mal-konklużjoni tagħha.

7.6. Intant permezz ta' imejl datat 26 ta' Marzu 2024, il-kumitat talab li titneħħa n-*notice board* tal-Kunsill u tiġi spusstjata l-lapida tal-Beleveder tas-Sur, peress li fejn huma mwaħħlin dawn ser isir il-puġġaman imsemmi, filwaqt li l-ħajt eżistenti ser jiġi rtirat 'l ġewwa. Għaldaqstant, intalab li l-lapida tiġi spusstjata għal parti tal-ħajt li ser titħalla, bejn il-balavostri u l-puġġaman tal-beleveder.

7.7. Il-Kunsill ma' sabx oġġezzjoni li n-*notice board* titneħħa għal kollox, filwaqt li l-lapida tiġi mċaqalqa kif mitlub sakemm ix-xogħol isir mill-kuntrattur inkarigat mix-xogħlijiet.

**8.1. Aġġornament dwar il-bust ta' Jimmy Muscat f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II** **(M/9)**

8.2. Is-Segretarju Eżekuttiv stqarr li fit-18 ta' Marzu 2024, l-artist Indri Attard stieden lill-Kunsill u l-familjari ta' Jimmy Muscat sabiex jaraw l-abbozz tal-bust qabel dan jingħata l-patina tal-bronż u jiddaħħal fil-forn. Huwa qal li r-riżultat huwa ferm sodisfaċenti, u kien hemm qbil li għandu jitkompla x-xogħol fuqu. Ritratti tal-abbożż finali ġew ippreżentati waqt is-seduta. Huwa qal ukoll li ntalbu stimi rigward il-pedestal.

8.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u approva l-azzjoni li ttieħdet.

**9.1. Aġġornament dwar il-proġett ta' titjib fis-Sala tal-Kunsill** **(P/10/40)**

9.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono għarraf li l-Kumitat ta' Evalwazzjoni rrakkomanda li ż-żewġ offerti li saru wara s-sejħa MLC 7/2023 għandhom jiġu rifjutati, peress li s-sottomissjonijiet li daħlu ma kienux skond il-kriterji stabbiliti fid-dokument tal-offerta, u ma

kienx hemm rispons mill-offerenti wara li ntalbu jirrettifikaw d-dokumentazzjoni nieqsa. Huwa qal ukoll li dan ġie kkomunikat lill-offerenti, li minn naħa tagħhom ma kkontestawhiex din id-deċiżjoni sa għaxart'ijiem wara l-ħruġ tal-istess notifika.

9.3. Il-Kunsill iddeċieda li għandha ssir sejħa ġdida.

**10.1. Aġġornament dwar il-manutenzjoni tal-*multi-purpose court* parti mill-Park tal-Familja (P/4/6/Vol VI)**

10.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono għarraf li mill-aħħar seduta kien hemm żewġ laqgħat fl-20 u d-29 ta' Frar 2024, li attendew għalihom il-Viċi Sindku J. Buttigieg, il-Kunsillieri E. Bartolo u K. Buttigieg, is-Sur M. Attard minn Intersteel Ltd u l-Perit M. Casha. Meta ġew evalwati l-għażliet kollha, kien hemm qbil li l-inqas waħda riskjuża hija dik li jitneħħa l-wiċċ kollu tal-*court*, inkluż il-ħajt ta' mad-dawra, isir *membrane* ġdida, kontrabejt u *rubber flooring*, flimkien mal-*fence* iktar baxx milli hemm li jitwaħħal ma' faxxa tal-konkos baxxa li trid issir dawramejt. Huwa qal li l-perit intalab iħejji *bill of quantities* li jirrifletti dan.

10.3. Intant fit-13 ta' Marzu 2024, saret laqgħa mad-Direttur responsabbli mill-*Policy* u l-Istrateġija fid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali, li attendew għaliha l-Viċi Sindku J. Buttigieg, is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono u M. Gambin, fejn ġie mistoqsi jekk huwiex possibbli li l-fondi li kienu ġew allokati għall-*panoramic lift* jiġu rijallokati fuq il-proġett tal-court. Ġie mistoqsi wkoll dwar jekk huwiex possibbli li l-*court* jibbenefika mill-iskema l-ġdida li tipprovdi għall-Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern – SPI/SCI/04/2024.

10.6. Il-Kunsillier K. Buttigieg għarraf li wara l-maltemp li kien hemm fl-10 ta' Marzu 2024, ittieħdet azzjoni b'urġenza sabiex jiżżarma l-*fence* kollu li kien fadal madwar il-*court*, peress li kien fil-periklu li jkompli jaqa' billi l-bażi tiegħu kienet tmermret bis-sadid.

10.7. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg irrakkomanda li jsir *hoarding* temporanju, żewġ metri għoli, bejn il-passaġġ u l-*court*, sabiex ma jsirx dħul mhux awtorizzat fl-istess *court*.

10.8. Il-Kunsill innota u approva l-azzjonijiet li ttieħdu, kif ukoll it-twaqqif tal-*hoarding* imsemmi fil-minuta preċedenti.

**11.1. Miżuri li jnaqqsu l-veloċità tal-vetturi fi Triq ir-Ramla tat-Torri l-Abjad (T/3/2/Vol XVII)**

11.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rrefera għall-punti mqajma fl-aħħar laqgħa annwali tal-lokalità, kif ukoll għal talba li saret mill-Għaqda tat-Torri l-Abjad dwar l-introduzzjoni ta' serjè ta' *speed humps* fit-triq ta' mal-bajja. L-ewwel proposta tinvolvi l-introduzzjoni ta' *sitt humps* fejn ġiet asfaltata t-triq għall-ewwel darba sentejn qabel. Il-proposta tal-għaqda tinvolvi *hump* waħda fil-bidu tat-triq tal-bajja fejn in-niċċa tal-Madonna. B'kollox qed jintalbu seba' *humps* f'tul ta' 500 metru.

11.3. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg qal li huwa mar fuq il-post u osserva li diġa saru l-i*speed hump* ta' ġewwa nett, kif ukoll it-tieni waħda, indikati fuq il-pjanta sottomessa mat-talba. Huwa qal li dawn it-talbiet ġew imqanqla minn abbużi persistenti li jsiru minn xi residenti tal-istess żona.

11.4. Il-Kunsill qabel li għandha tinkiseb l-approvazzjoni ta' Transport Malta sabiex isiru l-i*speed humps* kollha li fadal.

**12.1. Servizz dwar il-tindif ta' toroq urbani (T/4/5/Vol IV)**

12.2 Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rrefera għall-ftehim li kien ġie ffirmat mad-Diviżjoni tal-Indafa u l-Manutenzjoni li t-terminu tiegħek skada fil-31 ta' Ottubru 2023. Huwa aċċenna wkoll għas-sejħa għall-offerti MLC 4/2023 li l-ipproċessar tagħha għadu mhux konkluż. Huwa staqsa dwar x'għandha tkun it-triq 'il quddiem fir-rigward dan is-servizz. Aċċenna wkoll li fl-20 ta' Marzu 2024 saret laqgħa mas-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-Indafa Pubblika

flimkien ma' uffiċjali mid-Dipartiment tal-Indafa u l-Manutenzjoni, fejn kien diskuss l-andament tas-servizz tat-tindif tat-toroq urbani, kif ukoll tagħmir li għandu kemm akkwista l-istess Dipartiment. Intqal li ser jiġi wtilizzat fit-toroq arterjali u dawk sekondarji fejn hemm ftehim fis-seħħ mal-Kunsilli Lokali.

12.3 Il-Kunsillier E. Bartolo qal li kien hemm titjib fis-servizz, filwaqt li xorta waħda qed ikun hemm postijiet li jiġu traskurati, minkejja. Ikkummenta li l-Kunsill għandu offerent li offra servizz bi prezz inqas mid-Dipartiment tal-Indafa u l-Manutenzjoni. Apparti li l-Kunsill jista' jibqa' għaddej bl-evalwazzjoni tal-offerta li saret wara s-sejħa pubblika, il-Kunsill jista' jitlob lid-Dipartment jniżżel ir-rata tiegħu daqs għal dik offruta permezz tas-sejħa għall-offerti. Fiċ-ċirkostanzi, huwa rrakkomanda li l-ftehim attwal mad-Diviżjoni tat-Tindif u l-Manutenzjoni għandu jitħalla sa wara s-sajf.

12.4 Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar qalet li x-xift ta' filgħaxija m'għandux jintuża biex jiġu trattati toroq u ġonna li jitħallew barra mix-xift tal-filgħodu. Bħala eżempji hija semmiet iż-żoni Tas-Sellum, Santa Marija Estate, u t-turġien. Hija qalet li l-ebda kuntrattur privat m'għandu r-riżorsi li għandu d-Dipartment fil-ġranet kollha tal-ġimgħa, filwaqt li l-ilmenti jiġu trattati hekk kif tinġibed l-attenzjoni.

12.5 Il-Viċi Sindku J. Buttigieg ikkummenta li kien hemm titjib sostanzjali, għalkemm ma jkunx ġust li jsir paragun mal-kuntratt preċedenti, peress li dak kien jitħaddem b'żewġ kenniesa biss. Huwa qal li l-kuntratt attwali jista' jitjieb sostanzjalment, kemm-il darba s-servizz li jingħata mix-xift ta' wara nofsinhar ikun bħal dik tal-filgħodu. Dan jista' jsir billi x-xift ta' filgħodu jkun jikkonsisti minn ħames ħaddiema minflok erba' biex jiġi żgurat li r-rotot stabbiliti jiġu onorati.

12.6 Is-Sur J. Buttigieg aċċenna wkoll li l-Kunsill Reġjonali Tramuntana għandu korrispondenza li ntbagħtet mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali lis-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-Kunsilli Lokali dwar l-kuntatti li qed isiru mid-Dipartiment tal-Indafa u l-Manutenzjoni li qed joffrilhom it-tindif tat-toroq urbani billi jgħaddu l-allokazzjoni kollha abbinata ma' dan is-servizz li tinghata lilhom mill-Gvern centrali. Skond din is-somma jiġi stabbilit in-numru ta' haddiema li jiġu assenjati fil-lokalitajiet.

12.7 Is-Sur J. Buttigieg aċċenna wkoll li s-*savings* li jkun hemm bejn l-allokazzjoni mid-DGL u l-rati tal-kuntratti li jingħataw bl-offerti, kienu jintużaw biex il-Kunsilli jwettqu proġetti kapitali jew inizjattivi oħra. L-Assoċjazzjoni qed isostni li huwa evidenti li d-Direttorat ghat-tindif, ghandu d-*data* kollha f'idejh dwar l-allokazzjoni li jinghata kull Kunsill ghal knis.

12.8 Wara aktar diskussjoni kien hemm qbil li l-ftehim oriġinali li sar mad-Dipartment tal-Indafa u l-Manutenzjoni tejjeb sostanzjalment il-livell ta' indafa fil-lokalità. Ittieħed in konsiderazzjoni li l-għoti tal-kuntratt lill-offerent li wieġeb għas-sejħa jista' jħalli effetti negattivi fuq is-servizz kif ġara f'lokalitajiet oħra. Ġie deċiż ukoll li ma jkunx għaqli li l-Kunsill jiġi mgħaġġel biex jiffirma ftehim b'terminu ta' 5 snin, eżattament qabel elezzjoni tal-Kunsilli Lokali.

## 13.1. Mozzjoni mressqa mill-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar illi tgħid:

**"Billi fis-Seduta Nru. 59 tat-30 ta' Jannar 2024, il-Kunsill approva r-ristrutturar tal-impjegati fis-segretarjat tal-Kunsill li kien jinvolvi l-ingaġġ ta' uffiċjali fi Skala 13, liema kariga ġiet approvata mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali skont korrispondenza datata 12 ta' Jannar 2024;**

**Billi l-Artiklu 53(1)(a) tal-Att dwar Kunsilli (Kap. 363) jipprovdi li l-Kunsill għandu jaħtar lil dawk l-impjegati l-oħra, apparti s-Segretarju Eżekuttiv, li l-Kunsill jidhirlu meħtieġa għall-qadi effiċjenti tal-funzjonijiet tiegħu;**

**Billi saret sejħa nterna fost l-impjegati klerikali mal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li huma eliġibbli biex japplikaw skond l-Artikolu 14(3b)(b)(ii) ta' LS363.20, Kunsilli Lokali Regolamenti (Riżorsi Umani);**

**Billi l-Bord tal-Għażla, maħtur mill-Kunsill fis-seduta Nru. 46 tal-24 ta' Jannar 2023, fir-rapport tiegħu tal-20 ta' Marzu 2024, irrakkomanda l-ħatra tas-Sinjura Yvonne Muscat (I.D. 302573M), wara li ġew intervistati ż-żewġ kandidati li applikaw għal dan il-post;**

**Il-Kunsill jirriżolvi li għandu jiġi iffirmat kuntratt tax-xogħol definit għal tliet snin mal-persuna msemmija b'effett mill-1 ta' April 2024.". (P/7/1/Vol VIII)**

13.1. Il-Kunsill innota li l-prestazzjoni taż-żewġ kandidati hija waħda eċċellenti u għaldaqstant l-għażla saret abbażi tal-esperjenza.

13.2. Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier M. Abela.

## 14.1. Mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku J. Buttigieg illi tgħid:

**"Billi r-Regolamenti dwar Kunsilli Lokali (Riżorsi Umani) (L.S. 363.20) skont Regolament 19(1), jipprovdu għall-ħlas ta'** ***performance bonus*** **lill-impjegati tal-Kunsill; u**

**Billi fl-estimi għas-sena finanzjarja 2023 ġiet ivvutata somma għal dan il-għan, filwaqt li jidher illi ngħata servizz mill-uffiċjali mpjegati mal-Kunsill matul is-sena 2023, kif deskritt fil-*****Performance Appraisal Report*** **li ġie mħejji skont l-iskeda, mehmuża mal-imsemmija regolamenti;**

**Il-Kunsill jirriżolvi illi għas-Sena Finanzjarja 2023, l-impjegati eliġibbli, għandhom jitħallsu** ***performance bonus*****, maħdum fuq is-salarji bażiċi rispettivi mħallsa f'Diċembru 2023, skont il-perċentwali ndikati fl-istess rapporti u soġġett għall-ftehim kollettivi fis-seħħ, kif ukoll skond ir-rata mogħtija mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali fir-rigward tas-Segretarju Eżekuttiv.". (Wages)**

14.2. Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier J. Gauci.

## 15.1. Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Kurt Buttigieg li tgħid:

**"Billi saret sejħa għall-offerti MLC 5/2023, skont ir-Regolamenti dwar l-Akkwist mill-Kunsilli Lokali (L.S.363.186), li tinvolvi provvista u nstallazzjoni ta' dwal fi Ġnien iż-Żerniq fil-Manikata;**

**Billi bil-għajnuna ta' rapporti tekniċi mill-konsulenti nkarigati saret evalwazzjoni mill-Kumitat ta' Evalwazzjoni tat-tliet offerti sottomessi, skont il-minuti tat-12 ta' Diċembru 2023, u tal-31 ta' Jannar 2024; u**

**Billi fl-Estimi għas-Sena Finanzjarja 2024 ġiet allokata s-somma ta' €50,000 fil-Vot 7513 li parti minnha ser jagħmel tajjeb kofinanzjament approvat taħt l-Iskema dwar l-Iżvilupp u titjib fil-kundizzjonijiet tal-*****Playing Fields*** **(SPI/SCI/1/2022);**

**Il-Kunsill jirriżolvi li għandu jiġi ffirmat kuntratt mal-offerent Mica Med Ltd li rriżulta konformi mal-kriterji stabbiliti bi spiża ta' €47,677.90 bit-taxxa miżjuda.". (P/4/47)**

15.2. Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier M. Abela.

**16.1. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskedi dwar l-Akkwist u tal-Pagamenti**

16.2. Ġiet imressqa Skeda ta' Xiri datata 22 ta' Marzu 2024.

16.3. Tresqet skeda ta' pagamenti li saru permezz tal-*petty cash* bejn l-1 ta' Jannar u d-29 ta' Frar 2024.

16.4. Tressqet ukoll skeda ta' pagamenti li tkopri l-perjodu bejn l-24 ta' Frar u t-22 ta' Marzu 2024.

16.5. Il-Kunsill approva l-iskedi kollha, u kien hemm qbil li l-Iskeda tal-Pagamenti għandha tiġi ppubblikata permezz tas-sit elettroniku: Minuti - Mellieha (gov.mt)

**AĠĠORNAMENT**

Is-seduta spiċċat fl-08:30 pm, u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 24 ta' April 2024 fil-5:30 pm.

Dario Vella
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**